MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 1077/2002

**John Mifsud**

**vs**

**Helen Schembri gia' Mifsud**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 24 ta' Settembru 2002 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-partijiet kienu ccelebraw iz-zwieg taghhom fis-26 ta' Settembru 1986;

Illi dan iz-zwieg kien nieqes mill-elementi essenzjali tieghu u kien vizzjat b'tali mod li dak iz-zwieg kien null u inezistenti;

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat;

Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha;

Illi l-kunsens tal-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew wahda aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-kunsens taghhom ghaz-zwieg kien vizzjat kif fuq inghad;

2. Tiddikjara u tiddeciedi li ghalhekk iz-zwieg kien null u inezistenti.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 tal-process;

Rat in-noti ta' l-attur datati 9 ta' Jannar 2003 fejn permezz ta' wahda esebixxa l-affidavit tieghu stess, u bl-ohra pprezenta l-affidavit ta' Maria Mifsud u Marthese Ghigo.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Frar 2003 fejn Dr. Therese Cachia ghall-attur iddikjarat li m'ghandhiex provi aktar. Il-Qorti pprefiggiet terminu ta' ghoxrin (20) gurnata lill-konvenuta biex tipprezenta nota t'osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu ghoxrin (20) gurnata biex jirrispondi; u tas-seduta tat-13 ta' Mejju 2003 fejn peress li l-konvenuta baqghet ma dehritx il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Jannar 2004.

Rat li l-konvenuta minkejja li giet notifikata bic-citazzjoni attrici fit-2 ta' Dicembru 2002, hija baqghet ma pprezentat

ebda nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk baqghet kontumaci. L-istess konvenuta naqset ukoll li tipprezenta nota ta' osservazjonijiet *nonostante* l-fakolta' lilha moghtija minn din il-Qorti.

Rat il-provi kollha prodotti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PROVI PRODOTTI.

Illi l-attur **John Mifsud** ta x-xhieda tieghu f'din il-kawza permezz tal-procedura tal-affidavit datat 9 ta' Jannar 2003 fejn sostna hekk:-

*"Nghid illi zzewwigt lil Helen Schembri fis-26 ta' Settembru 1986 u dan meta jiena kelli tnejn u ghoxrin (22) sena u hija kellha tlieta u ghoxrin (23) sena.*

*Ahna konna ltqajna xi sentejn u nofs qabel ma zzewwigna meta jiena kont tlajt il-festa tar-rahal tar-Rabat fejn kienet toqghod Helen mal-genituri taghha. Mal-bidu tar-relazzjoni ahna konna bdejna niffrekwentaw lil xulxin ta' spiss u kwazi kuljum pero' konna kemm pero' konna kemm-il darba, anzi aktar ta' spiss milli le noqoghdu d-dar tal-genituri taghha. Hija kienet biss tinzel id-dar tal-genituri tieghi darba fil-gimgha. Peress illi konna nkunu, anke sa mill-bidu tar-relazzjoni taghna, dejjem ghand il-genituri nghid illi ma tantx kellna hin ghalina u ma kienx hemm hin sabiex nitkellmu fuq ir-relazzjoni taghna u sabiex insiru nafu aktar il-karattru ta' xulxin.*

*Qabel ma tlqajt ma' Helen, jiena kelli relazzjonijiet ohra, pero' jiena ma kontx inhossni lest sabiex nissetilja ghalhekk ma tantx kond indum f'relazzjoni. Fil-fatt anke meta bdejt nohrog ma' Helen ma kontx bil-hsieb li din ir-relazzjoni tkun wahda serja u fit-tul, izda minkejja dan u*

*peress illi Helen kienet tkun trid toqghod id-dar tal-genituri qisha r-relazzjoni mxiet wahedha.*

*Wara xi sena li konna nafu lil xulxin Helen kienet applikat ghal post tal-Gvern. Hija kienet qaltli li applikat ghal post minghand l-Awtorita' tad-Djar fuq isimha u peress illi kont naf li dawn kienu jittellghu bil-polza u li kien hemm hafna applikazzjonijiet ma kontx tajt hafna kaz ghal dan u anke ghaliex Helen ma kenitx qaltli sabiex niffirma xi applikazzjoni. Kienet biss hadet hsieb kollox hija u jiena lanqas biss kont iffirmajt din l-applikazzjoni. Dak iz-zmien lanqas ma kont naf illi jekk titla' l-applikazzjoni tieghek bil-polza tkun trid tizzewweg fi zmien sena jew inkella titlef il-post li jkun telaghlek. Fil-fatt Helen wara xi ftit gimghat kienet talbitni sabiex immurilha sal-Awtorita' u nara l-applikazzjoni taghha kenitx telghet. Dakinhar sirt naf illi l-applikazzjoni li kienet ghamlet Helen kienet fil-fatt telghet u li kien messha post tal-Gvern. Meta sejhu lil Helen sabiex tmur taghmel id-depozitu tal-mitt lira u tiehu c-cavetta jiena kont mort maghha ghaliex Helen kienet hemmhekk infurmatni illi jekk ma mmurx maghha u jekk hija ma tizzewwigx fi zmien sena, hija kienet titlef il-post li kien messha. Xi ftit xhur wara dan kien sar anke l-kuntratt fuq dan il-post li kien lest hlief ghal kamra tal-banju.*

*Kif Helen infurmatni li issa bilfors kellna nizzewgu fi zmien sena, jien kont hassejtni urtat u mdejjaq fuq dan ghaliex kien ghad ma kellix il-hsieb li nizzewweg f'dak iz-zmien. Ghalkemm ma hassejtnix komdu nhassar ir-relazzjoni lanqas ma ridt nidhol fiz-zwieg. Jiena ma kontx inhossni lest ghar-rabta taz-zwieg u lanqas kont inhoss illi r-relazzjoni tieghi ma' Helen kienet kibret sal-punt li jwassalna ghaz-zwieg f'dak iz-zmien. Jiena t-tip li nippreferi ma nghid xejn milli nghid xi haga u nwegga' lil dak li jkun, u fil-fatt ghalkemm kont imdejjaq u skomdu hafna b'din il-haga lil Helen ma kontx ghidtilha le ghal dan. Pero' kont qisni dejjem nghid xi haga 'l hemm u 'l hawn sabiex il-pjanijiet li kienet ghamlet Helen jittawlu.*

*Kont anke naf li Helen kellha temperament difficli u ghalhekk kont nissopponi li jekk nghidliha b'dak li kont qieghed inhoss u jekk anke nhassar ir-relazzjoni*

*minhabba dan, hija kienet tispicca hazin hafna. Dan ghaliex Helen kienet tiehu l-affarijiet bil-kbir u kient it-tip li facilment taqa' f'malinkonija. Kull meta kont nghid jew naghmel xi haga kontra l-pjanijiet ta' Helen dejjem kien jinqala' nkwiet bejnietna u sabiex niskarta dan l-inkwiet jien ma kont nghidilha xejn.*

*Hekk kif beda joqrob l-gheluq tas-sena mill-kuntratt Helen kienet bdiet taghmel il-preparamenti ghat-tieg. L-ghazliet u d-decizjonijiet rigward il-preparamenti kienet ghamlithom kwazi kwazi nista' nghid kollha hi, u jiena ma kontx nindahlilha fl-ghazliet taghha.*

*Meta konna ghidna lill-genituri taghna li konna ghamilna d-data taz-zwieg, kemm il-genituri tieghi kif ukoll dawk ta' Helen kienu sorprizi u ma kienux qeghdin jistennew li ahna konna se nizzewgu daqshekk malajr. Ommi kienet anke sabitni wahdi u kienet tistaqsini jekk jiena kontx verament lest ghal dan iz-zwieg. Skond hija jiena kont ghadni m'inix preparat ghaz-zwieg u ghar-responsabbilta' taz-zwieg. Pero' jiena peress illi ridt nahbi dak li kont qieghed inhoss ghaliex ma ridtx naqla' nkwiet wara li konna ghidna anke lill-genituri ta' Helen, jiena lil ommi kont biss ghidtilha sabiex ma tindahalx f'din is-sitwazzjoni.*

*Jiena waqt ir-relazzjoni tieghi ma' Helen kont ghadni nghix id-dar tal-genituri flimkien ma' zewg huti. Pero' jiena ma kontx kuntent id-dar tal-genituri, kont ghaddej minn zmien meta kont imdejjaq id-dar tal-genituri u ridt nitlaq minn hemm ghax kont inhoss li ommi kienet tindahalli zzejjed f'hajti. Fil-fatt ir-relazzjoni tieghi ma' ommi dak iz-zmien ma kenitx wahda tajba u kont il-hin kollu nevita' li nkun hafna d-dar tal-genituri u kont qieghed nipprova nara kif nista' nghix x'imkien iehor. Nghid illi ghalhekk il-pjanijiet li kienet qed taghmel Helen ghaz-zwieg kienu qishom l-opportunita' biex nitlaq mid-dar tal-genituri minkejja li ma kontx deciz li Helen kienet il-persuna gusta u certament ma kontx deciz li kont matur bizzejjed biex nissetilja.*

*Waqt ic-cerimonja taz-zwieg jiena kont qed inhossni bejn sema w ilma x'ser naghmel pero' ghalaqt ghajnejja. Ghalkemm konna morna l-kors ta' Kana jiena xorta nghid*

*illi ma kontx naf x'inhu verament iz-zwieg. Kont qed nara biss il-vantaggi li kien fih dan iz-zwieg, pero' r-responsabbiltajiet u l-izvantaggi li kien sejjer igib mieghu ma kontx indunajt bihom. Ghalhekk, illum nghid li ma kellix bizzejjed maturita' sabiex fil-fatt nizzewweg u li ma kontx kapaci niehu fuqi dik ir-responsabbilta'. Niftakar li anke waqt ir-reception tat-tieg ghalkemm kulhadd kien jidher li kien qed jiehu gost, jiena kont hassejtni wahdi u mdejjaq.*

*Mill-ewwel Helen kienet riedet it-tfal, pero' jiena kont qieghed nipprova ntawwal dan il-pass. Kien biss tliet snin wara li zzewwigna li kellna l-ewwel tarbija. Matul l-ewwel tliet snin konna niggieldu hafna, illum nghid konna qisna tfal ghax konna niggieldu fuq kollox. Minbarra dan, Helen kienet ukoll qieghda tahseb illi xi hadd minna ma setghax ikollu tfal u fit-tieni sena taz-zwieg Helen kienet insistiet illi jiena mmura nara tabib. Fil-fatt kont ghand il-Professur Felice li wara li ghamilli xi testijiet kien anke operani ghax kelli kundizzjoni li kienet taghmilha difficli. F'dan il-perjodu ghalkemm jien kont inkwetat minhabba dak li kien sab il-Professur Felice ma tantx nista' nghid illi kont inkwetat ghax ma kienx sejjer ikollna tfal fiz-zwieg, dan ghaliex jiena ma kontx ghadni lest li anke niehu fuqi r-responsabbilta' tat-tfal. Fl-ewwel tliet snin kont inhoss iz-zwieg bhala piz kbir u responsabbilta' li ma kontx inhossni tajjeb ghaliha. Min-naha l-ohra Helen kienet haditha bi kbira hafna li konna ghadna ma kellniex tfal u li jiena kelli din il-kundizzjoni u r-relazzjoni ta' bejnietna kiene wahda difficli.*

*F'gheluq it-tielet sena Helen kienet harget tqila u kien twieled l-ewwel tifel li semmejnih Ryan. Qabel din it-tqala Helen kienet tkun aktar tibki milli normali u dan ghaliex hija kienet iffissata fuq it-tfal u tant kienet ridithom. It-tifel kien twieled f'sahhtu u jien kont qieghed naghmel dak kollu li nista' sabiex niehu hsieb dan it-tifel minkejja li ma kontx kuntent biz-zwieg u minkejja li kont nibza' hafna minn din ir-responsabbilta' ghax kont inhossni mmatur u ma kontx inhossni kapaci nerfa' din ir-responsabbilta'.*

*Wara li twieled Ryan, jiena kont inhoss illi anke ghal Helen iz-zwieg taghna ma kienx importanti u li ghaliha l-importanti kien it-tifel. Fil-fatt iz-zwieg taghna kien glied kontinwu u kull konverzazzjoni ta' bejnietna kienet tispicca f'argument u hawnhekk jiena kont qieghed inhossni hazin hafna ghaliex kont naf li kont ghamilt zball li ma kontx ghidt dak li nhoss verament qabel ma zzewwigna.*

*Minkejja dan Helen kienet regghet inqabdet tqila u kien twieled it-tieni tifel, Kirsten. Wara din it-tqala' l-hajja ta' bejnietna saret aktar impossibbli minn qatt qabel u Helen kienet anke ghaddiet minn zmien psikologikament hazin hafna. Anke jiena f'dan il-perjodu kelli nara tabib u kien fil-fatt tani xi medicini kontra depression. Wara xi zmien Helen kienet ghamlet zmien twil l-isptar, madwar gimaghtejn l-ewwel darba li dahlet u madwar xahrejn it-tieni darba.*

*Jiena dan iz-zmien kont anke sirt naf li Helen kellha relazzjoni ma' ragel iehor li suppost kien habib tieghi. Meta Helen kienet ghadha l-isptar jiena kont ircevejt ittra minghand certu Celest fejn kien talabni skuza minhabba r-relazzjoni li kellu ma' marti. Kienet hawnhekk li jiena kont iddecidejt li nitlaq lil marti u kien dan l-incident li kien tani l-kuragg nitlaq mid-dar. Fil-fatt jiena kont mort nghix ghand il-genituri sakemm insib post iehor. Kont anke ghamilt il-proceduri ghas-separazzjoni u konna ftehmna fuq separazzjoni bonarja. Lil marti nghaddilha manteniment fix-xahar u anke niehu hsieb lit-tfal f'xi granet fissi kif ftehemna."*

Illi gew ipprezentati wkoll mill-attur zewg affidavits it-tnejn datati 9 ta' Jannar 2003 – wiehed ta' **Maria Mifsud,** u iehor ta' **Marthese Ghigo**, li hija ohta l-attur. Din ta' l-ahhar spjegat li l-konvenuta kellha karattru li tikkmanda u fil-fatt l-attur kien joqghod ghal dak li kienet tghidlu hija kwazi f'kollox apparti li kienet tbaghti mill-burdati. Ovvjament, dejjem skond ix-xhud, dan kien aktar facli ghaliha peress li l-attur kellu karattru dghajjef u ma tantx kien jilmenta. Kien iqatta' hafna hin ghand il-genituri u rari kienu jkun flimkien wahedhom. Wara nqalghu diversi

problemi, anke minhabba l-istat mentali tal-konvenuta u wkoll minhabba li hija kellha relazzjoni ma’ ragel iehor.

Illi tal-istess portata huwa l-affidavit tax-xhud l-iehor, omm l-attur, izda din tghid ukoll li meta saret taf li l-attur kien ser jizzewweg staqsietu ghaliex kien qed jghaggel daqshekk izda huwa rrispondiha sabiex ma tindahalx. Pero’ deher car li l-istess attur ma kienx kuntent bis-sitwazzjoni izda minkejja kollox qatt ma fetah qalbu maghha. Kien qallha biss li kienu hadu post l-Imtarfa

## (ii) PRINCIPJI LEGALI.

Illi l-attur fil-premessi tac-citazzjoni tieghu qed jattribwixxi n-nullita’ taz-zwieg fuq id-dispozizzjoni tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255** tant li jghid li:-

*“Il-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha;*

*Billi l-kunsens inghata bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew ghad-dritt ghall-att taz-zwieg.”*

Illi l-**Att dwar iz-Zwieg (Kap 255), artikolu 19 (1) (d)** jipprovdi li hemm annullament taz-zwieg meta:-

*“**(d)** il-kunsens tal-partijiet, jew ta’ xi wahda minnhom, kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’ anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg; u/jew*

***(f)** il-kunsens ta’ wahda mill-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.”*

Illi l-attur jissottometti illi z-zwieg bejnu u bejn il-konvenuta ghandu jigi dikjarat null *inter alia* abbazi ta’ l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255.**

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga' kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP – deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Avukat Dr Renzo Porella-Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP – deciza 18 ta' Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-espozizzjoni ta' ***Viladrich***:-

*"Thus, there is grave lack of discretion of judgement when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"* ***(Viladrich, P.J.,*** **"Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated."** *(Montreal, 1993), p. 686).*

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma *"the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within*

*the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics" (**Viladrich, P.J.,** op.cit., pg. 687).*

Illi wkoll fis-sentenza **"Alexandra sive Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia"** (P.A. (VGD) 10 ta' Settembru 1997) inghad wkoll li:

*"Kwantu ghad-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju – **Art. 19 (1) (d)** – biex ikun hemm nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm inkapacita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberalment, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali **("Isabelle Zarb vs Stephen Attard"** – P.A. 21 ta' Novembru 1995). Mhix ghalhekk kwistjoni ta' nkompatibilta' ta' karattru, jew ta' decizjoni jew decizjonijiet zbaljati. Il-paragrafu **(d)** ikompli jitkellem dwar "anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg". Il-Qorti tosserva li l-ligi taghna tirrikjedi mhux biss anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun taghmilha mpossibbli mhux sempliciment difficli, li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia jassumihom."*

Illi ghalhekk b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku (**"Nicholas Agius vs Rita Agius gia Caruana"** – P.A. (VDG) tal-25 ta' Mejju1995).

Illi li kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *"discretio judicii*" hu kuncett guridiku

ntrinsikament marbut mal-kapacita` ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. Kif jispjega l-gurista ***Colagiovanni*** meta sostna li:-

*"Il matrimonio, in quanto patto ossia "foedus" ……… richiede una capacita` intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e` per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta`, dato che ……… si tratta di assumersi una "servitus" per tutta la vita" (**Forum**, 1990, Vol. 1 part I, p. 72).*

Illi pero`, kif gja` nghad, b'immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju d-dottrina u l-gurisprudenza *"non si riferiscono ad una piena e terminale maturita`, non esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio` che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio` che puo compartare la vita coniugale, ne` un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne` infine una conscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche` riesce piu` appropriato l' uso del termine discrezione di giudizio, che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita` piena"* ***(Pompedda, M.F.,* "Il Consenso Matrimoniale in Grocholewski" – *Pompedda – Zagglia,* "Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico"** *(Padova, 1984), p. 46).*

Illi kif gie affermat diversi drabi minn din il-Qorti, inkluz fis-sentenza **"Alessandra *sive* Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo"** (P.A. (VDG) 26 ta' Ottubru 2000) ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu **(d)** imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, *"fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta` kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju,*

*ghalhekk, ma hux sempliciment nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati – in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju" (*ara, **"Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri"**, P.A., 10 ta' Novembru 1995).

Illi l-istess sentenza tkompli tghid *"li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju (**"Selina-Maria Vella Haber vs Joseph Gatt"**, P.A., 15 ta' April 1996)."*

Illi ghalhekk biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-**artikolu 19(1)(d)** irid ikun hemm l-inkapacita` psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku / psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (ara f'dan is-sens, fost ohrajn, **"Jacqueline Cousin vs Bernard Simler"**, P.A., 3 ta' Gunju 1998; **"Roseanne Cassar vs Kenneth Cassar",** P.A. 19 ta' Ottubru 1998; u **"Carmelo Grima vs Mary Andrews"**, P.A., 2 ta' Novembru 1998).

Illi proprju ghalhekk ukoll il-legislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni jrid ikun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja.

Illi kif jispjega ***Bersini***, d-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:-

*"La piena avvertenza e il deliberato consenso … … … La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio e la maturita` affettiva … … … La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata*

*all' atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita` affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi` una mancanza di consenso libero (immaturita` affettiva) e ponderato (immaturita` di giudizio)"* ***(Bersini, F.,*** **"Il Diritto Canonico Matrimoniale."** *(Torino, 1994), p. 97).*

Illi l-istess awtur, imbaghad ikompli jispjega dwar kemm irid ikun serju d-difett ta' diskrezzjoni biex wiehed ikun jista' jghid li hemm id-difett fil-kunsens u l-konsegwenti nullita` taz-zwieg:-

*"Se ci si chiede quale grado di discrezione di giudizio possa ritenersi proporzionato al matrimonio, rispondiamo anzitutto che, sia per la conoscenza intellettiva come per la deliberazione volitiva, dovra' essere maggiore di quello richiesto per peccare mortalmente e per stipulare gli altri contratti. Il motivo sta nel fatto che il consenso matrimoniale riguarda obbligazioni che si proiettano nel futuro ed e` ordinato all' assunzione di uno stato di vita che incide su tutta l' esistenza con un contratto perpetuo e irrescendibile che comporta una serie di gravi obblighi ad esso inerenti. Per dare un valido consenso, non e` sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e` il matrimonio; e` necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e` necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l' eta prescritta dal*

*legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrate, per qualsiasi motivo, la capacita` intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra` ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio"* (*ibid.* pp. 97-98).

Illi hawnekk il-Qorti, pero`, tixtieq tippreciza li ghazla libera, kunsens hieles, ghar-rabta taz-zwieg mhux sinonimu mal-kuncett ta' ghazla facli, u dan kif gja` gie ndikat fis-sentenzi fuq kwotati, tant li nghad li:-

*"… … ... se il sogetto non e` in grado di superare [i] condizionamenti interiori, allora si dira` che la scelta di lui non e` stata libera; lo sara` invece qualora pur pressato da tali impulsi provenienti dal proprio psichismo, da un' affettivita` non sufficientemente matura o anomala, e quindi anche di fronte a conflitti interiori, sara` stato capace di superarli, di dominarli razionalmente, di scegliere con autonomia ... ... ... In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe` col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa` coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei riguardi della prole"* (***Pompedda, M.F.,*** **"Incapacita` di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento."** (Bologna, 1991), pp. 231, 233*).*

Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna, bhad-dritt kanoniku **{Can. 1095 (3)}** tirrikjedi mhux semplici diffikulta` izda mpossibilita` li wiehed jaqdi *ossia* jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Inkapacita` jew impossibilita` vera f'dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-prezenza ta' anomalija psikologika serja li, independentement minn kif wiehed

jaghzel li jiddefiniha jew jiklassifikaha fil-kamp tal-psikjatrija jew tal-psikologija, tintakka sostanzjalment il-kapacita` *"di intendere e/o di volere". "L' incapacita` di assumere gli oneri essenziali della vita coniugale",* jghid il-***Bersini****, "rende la persona inabile al matrimonio, anche nell' ipotesi … … … che al momento di contrarre le nozze abbia avuto la discrezione di giudizio sufficiente per un valido consenso"* (op. cit., *p. 99).*

Illi ghal dak li jirrigwarda l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi dawn huma *"the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics"* (***Viladrich, P.J****.,* op. cit., p. 687).

Illi tal-istess portata huma s-sentenzi **"Anthony Gaffiero vs Juanita Gaffiero nee' Sultana"** (P.A. (VDG) 17 ta' Novembru 2000 u **"Anna Galea vs John Walsh",** (P.A. (VDG) tat-30 ta' Marzu 1995). Inerenti, ghalhekk, f'dawn l-obbligazzjonijiet hemm l-obbligu tal-partijiet li jaghtu lilhom infushom lil xulxin fit-totalita` taghhom sabiex tigi stabbilita bejniethom *"the community of life and love".*

Illi fl-ahharnett din il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li nghad fis-sentenza fl-ismijiet **"Nathalie O'Toole vs Patrick O'Toole"** (P.A. (N.A.) 25 ta' Marzu 2002) fejn inghad li:-

*"Il-kunsens moghti fiz-zwieg skond din l-istess gurisprudenza mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratt in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa wiehed "sui generis" u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita' li jaghtu dak il-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-aktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Il-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib is-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cjoe' li tnejn minn nies jaghtu lilhom nfushom lil xulxin ad eskluzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu."*

Illi kif inghad fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002) *inoltre* l-kunsens irid ikun wiehed tali li permezz tieghu l-parti li tesprimih trid tkun konxja ta' l-obbligi, d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga bhal ma huma l-elementi ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli.

Illi dawn il-principji kollha gew kkonfermati f'diversi sentenzi moghtija minn din il-Qorti nkluzi **"Maria Rita Calleja vs Mohamed Ben Mohamed Khemiri"** (P.A. (RCP) 17 ta' Frar 2000); **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** (P.A. (RCP) 9 ta' Marzu 2000); **"Ousama Sadalah vs Doris Tanti"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000); **"Josephine Gabriel vs Dr. Georg Sapiano et nomine"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Mazen Dadouch vs Maria Dadouch xebba Galea"** (P.A. (RCP) 22 ta' Marzu 2002); **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002); **"Marco Tanti vs Catherine**

**Azzopardi"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002); u **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002) fost ohrajn.

Illi min-naha l-ohra fl-**Artikolu 19 (1) (f)** gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta' Marzu 2000) u **"Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri"** (P.A. (RCP) 27 ta' Frar 2001) u a skans ta' ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza **"Theresa Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe"** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:-

*"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens."*

Illi tal-istess portata huma s-sentenzi **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) 1 ta' Frar 2001); **"Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano nomine"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Carmen El Shimi gja` Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (NA) 20 ta' Gunju 2000); **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (NA) 31 ta' Mejju 2000); **"Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000) u **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002 Cit. Nru. 793/01/RCP).

**(iii) <u>APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>**

Illi mill-provi prodotti mill-attur, li ma huma bl-ebda mod kontestati mill-konvenuta jirrizulta li l-kunsens tal-attur ghall-istess zwieg kien vizzjat minhabba difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga *da parte* tal-istess attur, *stante* li jidher car li l-istess attur izzewweg lill-konvenuta ghall-zewg ragunijiet principali li ma ghandhom

x'jaqsmu xejn la mal-kuncett ta' zwieg innifsu u wisq anqas mal-elementi essenzjali taz-zwieg.

Illi fil-fatt mill-provi prodotti jidher li l-konvenut accetta kontra qalbu li jizzewweg lill-konvenuta kemm ghaliex gie ppressat minnha sabiex tizzewweg ghaliex altrimenti kienet ser titlef il-post li kien assenjat lilha wara applikazzjoni taghha mal-Gvern jew mal-Awtorita' kompetenti, tant li l-enfasi u l-insistenza li ghamlet fuqu kienet li jekk fi zmien sena ma jizzewgux hija kienet ser titlef il-post, u assolutament hija ma riditx li dan jigri. *Nonostante* l-fatt li jidher li l-attur, u f'dan huwa korroborat mx-xhieda l-ohra prodotti, lanqas biss kellu hajra li jizzewweg fuq kollox lill-konvenuta, huwa sema' mill-konvenuta u litteralment ghamel dak li qaltlu, minkejja l-fatt li huwa mhux biss kellu dubji serji dwar ir-relazzjoni tieghu maghha, aktar u aktar fil-kuntest ta' unjoni permanenti, izda sahansitra kien inkwetat sew, tant li ghalih qisu kien kostrett jaghmel dan il-pass. Izda anke minhabba dak li gie deskritt bhala l-karattru tieghu, li huwa bla dubju dghajjef, huwa qaghad ghal din il-proposta tal-konvenuta, anke ghaliex jidher li l-konvenuta kienet persuna li trid tghaddi taghha.

Illi apparti dan l-*inertia* tal-attur ghal din il-proposta mghaggla taz-zwieg mill-konvenuta, giet facilitata minhabba l-fatt li jidher u jirrizulta li l-attur kien imdejjaq id-dar tieghu u kellu relazzjoni mhux tajba ma' ommu, anke peress li huwa kien ihoss li hija kienet tindahallu f'affarijiet tieghu.  Jidher ghalhekk li l-attur ghazel *"the lesser of two evils",* jew ahjar ceda ghal min l-aktar pressah.

Illi certament dan ma huwiex l-animu necessarju li wiehed ghandu bzonn sabiex jidhol ghal *commitment* ta' din in-natura.  Il-hajja mizzewga tirrikjedi fuq kollox responsabnilita', dedikazzjoni, impenn, u mhabba ghall-hajja komunali, ibbazata fuq il-gibda kemm materjali u fuq kollox spiritwali, ta' zewg persuni li jikkomettu ruhhom ghal xulxin u jippromettu bl-aktar mod responsabbli li kienu ser jaghtu l-hajja taghhom ghal xulxin, b'mod rejali u uman, u mhux semplici ftehim ta' xi assocjazzjoni.  Certament dan kien ghal kollox mankanti *da parte* tal-attur, u fuq kollox

jidher li ma kienx kapaci la jiehu decizjoni, u wisq anqas jesprimi ruhu, tant li ghalkemm kellu dubji kbar fuq ir-relazzjoni tieghu mal-konvenuta, anke mhux fil-kuntest taz-zwieg, u minkejja l-fatt li jidher li l-koppja lanqas kienet kompattibbli, huwa xorta minkejja d-dwejjaq kbar li kellu ghas-sitwazzjoni li sab ruhu fiha, cjoe' li kien ser jizzewweg malajr kontra qalbu, huwa xorta ma qal xejn lil hadd, nizzel rasu ghal dak li qaltlu l-konvenuta, u mar biex jizzewweg. Vera kaz ta' nuqqas ta' responsabblita' kbira, li bih ma hemm l-ebda dubju li effettwa mhux ftit il-hajja tieghu mal-konvenuta, l-aktar minhabba n-nuqqas ta' mpenn tieghu ghall-hajja mizzewga, frott tad-dubji kbar li huwa dejjem kellu fuq ir-relazzjoni tieghu mal-konvenuta.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li t-talba attrici ghandha tigi milqugha ghar-ragunijiet imputabbli lill-attur abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.** Min-naha l-istess talba ma tistax tigi milqugha skond id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 19 (1) (f)** tal-istess Kap peress li fil-kaz odjern ma jezistux il-presupposti necessarji hemm stipulati.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenuta, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

(1) Tiddikjara u tiddeciedi li l-kunsens tal-attur ghaz-zwieg tieghu mal-konvenuta fis-26 ta' Settembru 1986 kien vizzjat minhabba difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, u ghalhekk tali zwieg qed jigi ddikjarat null abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ghar-ragunijiet imputabbli lill-attur.

(2) Tiddikjara u tiddeciedi kif inghad li z-zwieg bejn l-kontendenti tas-26 ta' Setttembru 1986 huwa null u bla effett *ai termini* tal-imsemmi **artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------